MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 337/2008/1

**Alfred Briffa u Carmen Briffa**

**vs**

**John Bonello u l-kjamata in kawza Lorna Briffa**

**Il-Qorti**

**Rat** li fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-avviz fl-istess ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors promoturipprezentat fit-3 t'Ottubru 2008 illi fiha r-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat John Bonello ihallashom is-somma ta' seba t'elef, erbgha mija u tlieta u hamsin Euro, disgha u disghin centezmu (€7,453.99) rapprezentanti self brevi manu moghti lill-intimat mir-rikorrenti sabiex inxtrat il- vettura tal-marka

Peugeot, u madwar disgha mija u tletin Euro (€930) rapprezentanti self brevi manu ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-Ittra Ufficjali a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 2 ta' Novembru 2006.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat John Bonello illi fiha eccepixxa, in succint, s-segwenti:-

1. Illi huwa m’ghandu x'jaqsam xejn mad-dejn reklamant peress illi m’ ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi u kwindi m’huwiex il-legittimu kontradittur;

2. Illi kwalsiasi dejn li seta kien hemm kien dejn kkonstatat fiz-zwieg, liema dejn gie assunt mill-mara tieghu, Lorna Briffa, li minnha huwa legalment separat b'effett mit-28 ta' Novembru 2005, liema dejn gie anke accettat mill-istess rikorrenti meta, dakinhar illi gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, giet iffirmata wkoll skrittura privata bejn l-intimat u r-rikorrenti fejn r-rikorrenti accettaw illi kwalsiasi dejn illi huma kellhom issa gie assunt minn Lorna Briffa;

3. Illi t-talba tar-rikorrenti kellha tigi indirizzata kontra Lorna Briffa illi, ghalhekk, kellha tigi kjamata in kawza;

4. Illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-perjodu ta' hames snin a tenur ta’ l-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16

Rat illi fl-20 ta' Mejju 2009 intalbet il-kjamat in kawza ta' Lorna Briffa, liema kjamat in kawza ghamlet r-risposta taghha fl-14 ta' Dicembru 2009 fejn sahqet illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija qatt ma hallset ghal kwaisiasi dejn u ghalhekk ma kienetx kompartecipi fiha.

Rat il-provi prodotti

Fit-18 ta' Marzu 2009 xehdet Carmen Briffa illi qalet li l-intimat kellu jhallasha s-somma flus lilu mislufa sabiex

jixtri karozza kif ukoll ta’ somma flus ohra li sellfitu wara incident illi kellu. Hija stqarret ukoll illi kienet anke sellfet flimkien mar-ragel taghha ammont ta' seba’ t’elef liri maltin (Lm7,000) sabiex l-intimati setghu jifthu hanut, liema flus hija sellfithom wara li ottjeniet loan mill-bank. Madankollu, hija sahqet illi l-ammont li qed jigi rikjest m’ ghandu x'jaqsam xejn ma' dana l-ammont li qed jintalab il-hlas tieghu.

Briffa tkompli tghid illi l-ammont illi hija qieghda titlob huwa ammont li attwalment l-intimat kien qieghed ihallas permezz ta' pagamenti rateali bi standing order ta' hamsa u tmenin liri maltin (LM85) fix-xahar, liema ammont originalment kien ta' erbghin liri maltin (Lm40) fix-xahar. Huwa waqaf ihallas tali ammont meta ssepara minn ma’ binthom u huma qed jitolbu l-hlas tieghu peress illi dawna l-flejjes issellfu lilu personalment.

Alfred Briffa xehed fl-istess seduta u kkonferma kull ma qalet martu l-intimata Carmen Briffa filwaqt illi pprezenta ritratt tal-vettura li dwaru sar is-self.

Fl-20 ta' Mejju 2009 xehdet in Nutar Erika Vella li kkonfermat illi John Bonello u Lorna Briffa kienu iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom fit-28 ta' Novembru 2005, liema kuntratt huwa esebit fl-atti tal-kawza a fol 9 tal-process. Dwar id-dokument esebit a fol 17 ta’ l-istess process, filwaqt illi kkonfermat illi tali dokument kien inkiteb minnha, ma tiftakarx ghaliex kien sar tali ftehim.

Xehdet ukoll, in kontro ezami, Carmen Briffa, illi stqarret li l-ammont ta' flus li qieghda titlob hija silfithom lil John Bonello tul is-snin qabel ma saret is-separazzjoni u waqt illi kien ghadu flimkien mat-tifla taghhom. Hija stqarret illi kellha dokument li juri kemm attwalment kienet sellfet u kemm kienu saru pagamenti, liema dokument hija obbligat ruhha illi tipprezenta f'seduti sussegwenti, izda li qatt ma gie a pusses tal-Qorti. Hi stqarret illi ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm indikat illi Lorna Briffa kellha tassumi hi d-dejn ta' seba’ t’elef liri maltin (Lm7,000), attwalment id-dejn ma kienx ta daqshekk peress illi kien

diga thallas madwar tlett t’elf liri maltin (Lm3,000), u kien fadal bilanc ta' madwar erba’ t’elef liri maltin (Lm4,000). Madanakollu, ikkonfermat illi hija minghand l-intimat Bonello kellha tithallas il-bilanc ta’ seba t’elef liri maltin (Lm7,000) illi kienet sellfet, kif ukoll l-ammont ta' elfejn u hames mija liri maltin (LM2,500) meta xtara karozza u erbgha mija liri maltin (LM400) meta kellu xi hsarat.

Dwar il-kuntratt ta' separazzjoni tat-tifla taghha, Briffa tghid illi hija ma dahlitx fiha, izda kkonfermat illi dak li qed titlob ghalihom huma flejjes li m’ humiex ikkontemplati fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Dwar l-iskrittura privata illi saret dakinhar li gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, hija stqarret illi qabel ma ffirmatha riedet taqraha sabiex jigi inkluz illi d-dejn li kien qed isir referenza ghalih kien biss dak ta' sebat elef Liri Maltin (Lm7,000), madanakollu, meta regghet rat id-dokumenti quddiem il-Qorti, hija qalet li l-iskrittura kienet imgerffxa u ma setghetx tiffirmaha u, ghalkemm iffirmatha, dana ghamiltha biss in rigward tas-seba t’elef Liri (Lm7,000).

Fid-9 ta' Frar 2011, xehed John Bonello illi stqarr illi fit-28 ta' Novembru 2005 huwa ssepara minn ma martu Lorna Briffa u iffirma wkoll dokument iehor, fil-presenza tal-konsulenti legali kollha, illi bih gie liberat mid-dejn kollu illi kien hemm.

Huwa kkonferma illi fis-sena 1998, huwa kien partat il-vettura li kellu ma' vettura tal-marka Peugeot u peress illi d-dealer minghand min xtraha ma ridtx jithallas bin-nifs, r-rikorrenti kienet selfithom elefejn u erba’ mitt liri maltin (Lm2,400) u dawna kellhom jithallsu permezz ta' pagamenti ta' erbghin liri maltin (Lm40) fix-xahar, liema pagamenti baqghu isiru bejn April 1998 sa Jannar 2002, sa liema data kien fadal bilanc ta' erbgha mija u erbghin Lira (LM440).

F'Jannar 2001 huwa kellu incident bil-vettura tieghu u kellu bzonn hames mitt Liri Maltin (LM500), liema somma

gew lilu mislufa u ghalhekk l-ammont dovut kien issa ta' disgha mija u erbghin Liri Maltin (LM940).

F'Marzu 2002, l-intimati hadu hanut u kellhom bzonn tmien t'elef liri maltin (LM8,000). Peress illi l-bank ma riedx isellef dana l-ammont, r-rikorrenti qabblet illi li ssellef l-ammont shih. Ghalhekk, il-partijiet qablu li, flimkien mas-somma gia dovuta ta' disgha mija u erbghin Liri Maltin, (LM940) jizdiedu is-somma gdida li giet lilhom mislufa, b'dan illi isir pagament ta' elf Liri Maltin (LM1,000) u jibdew isiru pagamenti rateali ta' hamsa u tmenin Liri Maltin fix-xahar (LM85). Huwa sussegwentement ghaddilha cheque ta' disa mija u sittin Liri Maltin (LM960) minflok elf Liri Maltin (LM1,000) u, kif miftiehem, bdew isiru pagamenti rateali ta' hamsa u tmenin Liri Maltin (LM85), liema pagamenti bdew isiru f'Marzu 2002 u baqghu isiru sa' Marzu 2005, meta l-intimati sseparaw. Sa dakinhar kienu saru pagamenti fl-ammont ta' tlett t'elef u hamsa u hamsin liri Maltin (LM3,055) u kien ghad fadal bilanc ta' erba' t'elef disgha mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (LM4,925).

Meta kienu fi stadju illi jinnegozjaw il-kuntratt ta' separazzjoni, huwa kien ppropona lil Lorna Briffa illi hija tiehu d-dar bil-loans kollha kif ukoll id-djun kollha dovuti lill-genituri taghha, u kien hemm qbil dwar dan, wara illi tkellmet mal-genituri taghha. Gara izda illi l-ammont indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni, minn erbgha t'elef u hamsa u ghoxrin liri Maltin (LM4,025)  ttella ghal sebat elef liri (LM7,000), izda huwa ma oggezzjonax ghal dan sabiex il-proceduri ma jittawlux inutilment.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 xehdet il-kjamat in kawza Lorna Briffa illi stqarret li ma kienetx taf dwar xiex kienet il-kawza peress illi kienet taf li ommha kienet sellfet il-flus lir-ragel taghha waqt li kienu mizzewgin, izda ma kienetx taf kemm selfitu u qatt ma kienet presenti meta sselfu tali flejjes u qatt ma ffirmat xi karta. Dwar id-dejn ta' seba' t'elef liri maltin (LM7,000) indikat fil-klawsola 17 tal-kuntratt ta' separazzjoni, hija qalet illi dana kien jirrigwarda stock tal-hanut, izda kkonfermat ukoll illi attwalment tali ammont ma kienx seba' t'elef liri maltin (LM7,000),  izda

kien ta' erba’ t’elef liri maltin (LM4,000) peress illi kienu qed isiru pagamenti rateali ta' hamsa u tmenin lira fix-xahar (LM85).

Ikkunsidrat

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba illi qieghda ssir mir-rikorrenti kontra l-intimat John Bonello u, sussegwentement kontra il-kjamat in kawza Lorna Briffa, ghall-flejjes mislufa allegatament lilu fis-snin 1998 u 2002 rispettivament ghal xiri ta' karozza kif ukoll irrangar tal-vettura wara incident awtomobilistiku.

Dak iz-zmien, kemm John Bonello kif ukoll Lorna Briffa kienu ghadhom mizzewgin, peress illi kien fit-28 ta' Novembru 2005 illi huwa sussegwentment isseparaw.

Jirrizulta wkoll illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, ezattament fi klawsola 17 tal-istess kuntratt, hemm indikat carament illi Lorna Briffa ser tassumi d-dejn ta' madwar seba’ t’elef Liri Maltin (LM7,000) u ser tindennizza lill-istess intimat John Bonello f'kaz illi ikun kostrett ihallas xi dejn.

Jirrizulta wkoll illi, dakinhar ta’ l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, giet iffirmata skrittura privata minn Carmen Briffa illi hija aktar dikjarazzjoni milli ftehim, u li fiha jigi ccarat illi hija qieghda tillibera lil John Bonello minn kwalsiasi dejn li seta kellu flimkien mal-kjamat in kawza Lorna Briffa u accettat illi dana id-dejn, li kien jammont ghal madwar seba’ t’elef Liri Maltin (LM7,000), kellu jithallas unikament minn Lorna Briffa

Ikkunsidrat

Mix-xhieda moghtija kemm mir-rikorrenti kif ukoll mil-intimati, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi filwaqt li x-xhieda tar-rikorrenti Carmen Briffa hija konfuza u konfuzjonali u xhieda li ma hija xejn korraborata minn dokumentazzjoni, salv dokument wiehed illi juri li kien hemm standing order

taz-zewg intimati John Bonello u Lorna Briffa a favur taghhom ta' hamsa u tmenin Lira fix-xahar (LM85).

Minn naha l-ohra, ix-xhieda ta' John Bonello hija cara u turi bl-aktar mod limpidu il-fatt li r-rikorrenti kienet attwalment sellfet xi flejjes lill-intimati meta kienu mizzewgin, liema flejjes bdew ihallsuhom ratealment, inizzjalment permezz ta' pagamenti rateali ta' erbghin Lira (LM40) fix-xahar imbghad, wara li ssellfu ammont aktar, il-pagament rateali kien ta' hamsa u tmenin Lira (LM85) fix-xahar.

Ix-xhieda ta' Lorna Briffa xejn ma titfa dawl fuq dak li attwalment seta gara, peress illi, skond hi, ma kienetx taf kemm ommha kienet selfet lir-ragel taghha bhala flejjes minn zmien ghal zmien, u dan minkejja illi kienet taf li kienu jhawdu bejniethom izda ma kienetx interessata tkun taf x'qed jaghmlu. Madanakollu, l-istess Lorna Briffa ikkonfermat li, ghalkemm kien hemm indikat ammont ta' seba’ t’elef Liri Maltin (LM7,000) bhala dovut lil ommha, attwalment l-ammont kien ta' madwar erba’ t’elef Liri Maltin (LM4,000), peress illi kienu saru pagamenti rateali.

Ikkunsidrat

Jirrizulta ben car illi, fil-kaz in ezami, r-rikorrenti qeghdin jittentaw illi jipprolungaw il-kwistjonijiet illi ghandhom mar-ragel tat-tifla taghhom billi jippretendu hlasijiet ulterjuri minghandhom. Huwa car illi tali fatt qieghed isir bi pika ma’ l-intimat John Bonello u bi tpattija ghal dak li, probabilment, huma ihossu illi ghamel lit-tifla taghhom.

Huwa ta' dispjacir illi l-Qorti tinnota li, minflok ma' wiehed jipprova jaccetta dak li gara u jimxi l-quddiem f'hajtu, r-rikorrenti baqghu jinsistu fil-pretensjonijiet taghhom kontra l-intimat, bl-intiza illi jaghmlulu l-hsara, u dana minkejja illi huwa car li l-pretensjonijiet taghhom ma humiex korretti, kemm in vista tal-kuntratt ta' separazzjoni datata 28 ta' Novembru 2005 kif ukoll in vista tad-dikjarazzjoni maghmulha mill-istess Carmen Briffa li d-dejn imnizzel fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa issa dovut unikament minn Lorna Briffa.

Huma kwistjonijiet bhal dawn illi jwasslu ghall attrit ulterjuri li, eventwalment, jaghmlu hsara biss lit-tfal tal-partijiet illi sseparaw, jigifieri ta' l-intimati, ghax ir-rikorrenti ma kienux kapaci illi jaccettaw ir-realta' tal-hajja.

Illi huwa car daqs il-kristall illi r-r-rikorrenti m' ghandhom ebda ragun fil-kaz odjern, kemm in vista tal-fatt illi d-dejn li kien hemm maghhom mill-intimati gie assunt minn-Lorna Briffa kif ukoll in vista tal-fatt illi, filwaqt li r-rikorrenti ma kienet f'ebda posizzjoni illi tispjega x'kienu l-ammonti dovuti u kif saru il-pagamenti, l-intimat John Bonello wera bic-car x'ammonti kienu dovuti u b'liema mod saru il-pagamenti.

Konkluzjoni

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti, semghet ix-xhieda u gharblet sew id-dokumentazzjoni kollha pprovduta

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi

Billi tilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimat John Bonello u l-kjamat in kawza Lorna Briffa u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom."

**Rat** li l-atturi Alfred Briffa u Carmen Briffa hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellanti Alfred Briffa u Carmen Briffa fejn gie premess:-

Illi b'avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-appellanti talbu li l-appellat John Bonello jigi ikkundannat ihallas s-somma ta' sebat elef, erba mija tlieta u hamsin ewro u disgha u disghin centezmu tal-ewro (Ewro 7453.99c) rapprezentanti self brevi manu moghti mill-appellanti lill-appellat John Bonello sabiex inxtrat vettura tal-marka Peugeot u madwar Euro 930 (disa  mija u tletin ewro)

rapprezentanti self brevi manu ulterjuri, inkluz bl-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tat-2 ta’ Novembru 2006;

Illi ir-risposta tal-appellat John Bonello huwa ecepixxa:

Illi huwa m’ghandu x'jaqsam xejn mad-dejn reklamant peress illi m’ ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi u kwindi m’huwiex il-legittimu kontradittur;

Illi kwalsiasi dejn li seta kien hemm kien dejn kkonstatat fiz-zwieg, liema dejn gie assunt mill-mara tieghu, Lorna Briffa, li minnha huwa legalment separat b'effett mit-28 ta' Novembru 2005, liema dejn gie anke accettat mill-istess rikorrenti meta, dakinhar illi gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, giet iffirmata wkoll skrittura privata bejn l-intimat u r-rikorrenti fejn r-rikorrenti accettaw illi kwalsiasi dejn illi huma kellhom issa gie assunt minn Lorna Briffa

Illi t-talba tar-rikorrenti kellha tigi indirizzata kontra Lorna Briffa illi, ghalhekk, kellha tigi kjamata in kawza;

Illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-perjodu ta' hames snin a tenur ta’ l-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16;

Illi wara li Lorna Briffa giet kjamata fil-kawza fl-20 ta’ Mejju 2009, hija fir-risposta taghha sahqet illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija qatt ma hallset ghal kwalsiasi dejn u ghalhekk ma kienitx kompartecipi fiha;

Illi b’sentenza tad-disgha (9) ta’ Lulju 2012 l-Qorti tal-Magistrati laqghet l-eccezzjonijiet ta’ l-appellat John Bonello u l-kjamat in kawza Lorna Briffa u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom;

Aggravji:

1. Illi l-ewwel qorti naqset billi distingwi bejn dejn u dejn cioe jirrizulta anke mill-istess xhieda tal-appellat John Bonello, li kien hemm dejn ta’ eks Lm 7,000 misluf lilhom u cioe lill-kopja Bonello qabel ma sseparaw dwar hanut u

stock fejn il-bank ma sellifhomx u ghamlet tajjeb ghalih l-appellata Carmen Briffa u li dak l-ammont kienet qeghdin ihallsu standing order ta' Lm856 li taghha l-appellata u prezentat fil-qorti a fol 27 bhala Dok CB1 liema document gie prezentat waqt ix-xhieda tal-appellanti fit-18 ta' Marzu 2009, u dejn iehor separat li l-appellanti kienu silfu lill-appellat Bonello biex jixtri vettura Peaguet u self iehor wara li din l-istess vettura kienet garbet hsarat liema self huwa kien qed ihallas bir-rata ta' els M 40 fix-xahar u huwa dan tal-ahhar li fuqu hija bazata l-kawza stante li l-ewwel dejn li kien originali ta' sebat elef lira Maltin dan assumietu l-kjamat fil-kawza Lorna fejn kienet hekk iddikjarat l-istess appellanti Carmen Briffa wahidha;

2. Illi ghalhekk l-ewwel qorti ma haditx in kunsiderazzjoni li dak li kien hemm dikjarat fl-iskruttura privata mill-appellanti Carmen Briffa kien unikament biss qed jirreferi ghad-dejn li originarjament kien ta' Lm7,000 dwar l-istationery u li kien qed jithallas Lm 85 fix-xahar mill-kopja Bonello sakemm dak id-dejn imbaghad assumietu l-kjamat fil-kawza Lorna u li l-kjamat fil-kawza Lorna Briffa ma kienitx qed tassumi ebda dejn iehor u l-istess appellanti Carmen Briffa kienet qieghda tillibera lill-appellat John Bonello minn dak id-dejn biss li allura kien originali circa Lm 7000 dwar il-hanut tal-istationery;

3. Illi ghalkemm l-appellat Bonello prova jhawwad dejn ma iehor biex kif jghidu bil-Malti jgib il-bocca fejn il-lik, il-verita xorta harget li kien hemm zewg id-djun wiehed tal-istationery u l-iehor tal-Peugeot u huwa dan tal-ahhar li baqa ma giex onorat kollu lill-appellanti u li qatt ma kien inkluz li dan qed jigi liberat minnu imma kien gie liberat min dak l-loan jew dejn li kien jappartjeni l-hanut u cioe l-istationery. Dan hareg car daqs il-kristall mill-provi kemm mill-istess xhieda tal-appellanti Briffa kif wkoll mill-istess xhieda tal-kjamat in kawza tal-eks mara tal-appellat u mill-istess xhieda tieghu anke jekk qad joqghod jilghab mal-figuri biex jghoddhom flimkien biex javvicina figura kif ghamel fix-xhieda tieghu, xorta tohrog il-verita li dawn tal-karozza kien ghadhom dovuti minnu;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq imsemmija jibqa l-fatt li anke jekk ghall-grazzja tal-argument d-dejn tal-Peageut kien wiehed li jappartjeni lit-tnejn u cioe lill-appellat u l-kjamat in kawza, allura anke haw nil-qorti kienet zbaljata u tal-inqas ma sabitx kundanna li kemm l-appellat u l-kjamat in kawza ghandhom in solidum jhallsu l-ammont kif indikat fl-avviz;

5. Illi l-ewwel qorti ghamlet wkoll zball kardinali meta ikkumetat li din hija kawza dwar pika meta kien propju l-kontra li ma kienx ghall-mhabba tal-appellanti li dejjem kienu lesti li jghinu kemm lill-binthom u kif ukoll lill-eks ragel taghha l-appellat kif jixhdu l-mod kif dejjem kienet pronta l-appellanti li tghin finanzjarjament imma minnaha l-ohra ma ghandhiex hi tigi mcahda hekk ta’ dak li huwa dovut lilha!!

6. Illi anke fis-sentenza taghha l-qorti meta qalet tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-appellat meta anke f’eccezzjoni partikolari minnhom li hija dik indikata fis-sentenza bhala numru 4 li tghid li l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-perjodu ta’ hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 meta dan mhux mhux il-kaz imma li l-appellat waqaf jhallas Lm 40 fix-xahar wara li kien iffirma s-separazzjoni fit-28 ta’ Mejju 2005 u kien intimat ufficjalment biex jhallas bl-ittra ufficjali esebita bhala DOK AB 3 u li ghalhekk zgur din l-eccezzjoni kellha b’mod immedjat tigi michuda;

7. Illi anke dwar l-kap tal-ispejjez, kieku l-ewwel qorti kellha ragun anke hawn l-ispejjez kellhom jinqasmu bejn l-istess appellanti u l-kjamat in kawza!!

Fuq dawn il-premessi l-appellanti qrd jitolbu li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tad-9 ta’ Lulju 2012 u tilqa t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-appellata kjamata in kawza Lorna Briffa fejn gie sottomess illi l-ewwel sentenza tal-Onorabbli Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonferma u ghalhekk il-kjamata fil-kawza appellata qed titlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**Rat** ir-risposta tal-appellat John Bonello fejn gie sottomess:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta w ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha u kwindi m'hemm ebda lok li tigi disturbata la fattwalment u lanqas legalment.
Illi l-aggravji mressqa mill-appellant huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, u dan inter alia, minhabba is-segwenti ragunijiet:-

L-Ewwel Aggravju

L-appellanti, permezz tal-ewwel aggravju, jittentaw illi jimpunjaw is-sentenza mertu ta' dan l-appell abbazi tal-argument illi 'l-ewwel qorti naqset milli tiddistingwi bejn dejn u dejn u cioe' jirrizulta anke mill-istess xhieda tal-appellat John Bonello, li kien hemm dejn ta' eks Lm 7,000 misluf lilhom u cioe' lill-koppja Bonello qabel ma sseparaw dwar hanut i stock, fejn il-Bank ma sellifhomx u ghamlet tajjeb ghalih l-appellata Carmen Birffa u li dak l-ammont kienu qedin ihallsu standing order ta' Lm 856 li taghha l-appellata prezentat fil-qorti a fol 27 bhala Dok CB1 liema dokument gie ipprezentat waqt ix-xhieda tal-appellanti fit-18 ta' Marzu 2009, u dejn iehor separat li l-appellanti kienu silfu lill-appellat Bonello biex jixtri vettura Peaguet u self iehor wara li din l-istess vettura kienet garbet hsarat liema self huwa kien qed jhallas bir-rata ta' eks Lm 40 fix-xahar, u huwa dan l-ahhar li fuqu hija bbazata l-kawza stante li l-ewwel dejn li kien originali ta' sebat elef lira Maltin dan assumietu l-kjamat in kawza Lorna fejn kienet hekk iddikjarat l-istess appellanti Carmen Briffa wahidha'.

Illi jigi umilment sottomess, illi b'kull rispett dovut, dan l-ewwel aggravju huwa tentattiv dghajjef t'Appell, stante illi l-Ewwel Qorti fhemet ben tajjeb x'kienu l-pretenzjonijiet attrici u ghal liema djun kienu qed jirreferu l-ammonti minnhom reklamati. Ghalkemm is-setenza mertu tal-appell titkellem wehidha, u certament illi mhuwiex il-kaz illi tigi riprodotta fl-intier taghha sabiex tigi ikkjarifikata kwalunkwe incertezza u konfuzjoni illi, skond l-appellanti, holqot l-Ewwel Qorti meta giet biex tiddistingwi bejn dejn u

iehor, ghal-finijiet ta' pratticita' – u xejn aktar - qed issir, hawn taht, referenza ghall-brani tas-senteza, mertu ta' dan l-Appell, illi jindikaw b'aktar mod car u limpidu l-gharfien car u korrett illi kellha l-Ewwel Qorti tal-ammont pretiz mill-appellati, u ghal liema dejn tali ammont kien jirreferi:-

Propju fl-ewwel paragrafu tas-sentenza mertu ta' dan l-appell, il-Qorti issottolineat il-pern tal-azzjoni odjerna, u cioe' illi 'r-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat John Bonello ihallashom is-somma ta' seba t'elef, erbgha mija u tlieta u hamsin Euro, disgha u disghin centezmu (€7,453.99) rapprezentanti self brevi manu moghti lill-intimat mir-rikorrenti sabiex inxtrat il-vettura tal-marka Peugeot, u madwar disgha mija u tletin Euro (€930) rapprezentanti self brevi manu ulterjuri' (emfasi tal-esponenti), sussegwentament, fl-ewwel paragrafu tal-parti considerandi tas-sentenza, l-Qorti terga ticcara illi 'l-kawza odjerna tikkoncerna talba illi qieghda ssir mir-rikorrenti kontra l-intimat John Bonello u, sussegwentement kontra il-kjamat in kawza Lorna Briffa, ghall-flejjes mislufa allegatament lilu fis-snin 1998 u 2002 rispettivament ghal xiri ta' karozza kif ukoll irrangar ta-lvettura wara incident awtomobilistiku.' (emfasi tal-esponenti).

Illi, is-siltiet hawn fuq riprodotti, huma fihom infushom konferma cara tal-fatt illi l-Ewwel Qorti, gharfet tiddistingwi ben tajjeb bejn d-dejn mertu tal-kawza odjerna u kwalunkwe dejn iehor kkontrattat bejn il-partijiet (u li ma kienx jifforma parti mill-istess mertu);

Illi tajjeb illi jigi ipprecizat ukoll illi kienu l-istess appellanti illi fix-xhieda taghhom quddiem l-Ewwel Qorti, sahqu, b'certu insistenta, illi jghamlu referenza ghal kwalunkwe dejn iehor li setgha gie ikkontratt bejn il-partijiet kontendenti u li ma kienx jifforma parti mill-mertu tal-kawza de quo. Dan probabilment ghamluh jew sabiex, b'xi mod jipprovaw jizzvijaw lill-Qorti fir-rigward tal-ammont minnhom pretiz, meta kien jirrizulta bic-car, anke fuq livell ta' prima facie, illi l-ebda ammont ma kien attwalment dovut lilhom mill-appellat, jew aktar minn hekk, ghaliex, kif

ben deciz mill-Ewwel Qorti, tant l-azzjoni odjerna kienet unikament il-frott tal-pika illi l-appellanti ghandhom mal-appellant, illi kienu huma stess illi kellhom konfuzjoni assoluta fir-rigward ta’ liema dejn kienu sejsu l-pertenzjonijiet infondati taghhom.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-appellanti Carmen Briffa, liema xhieda giet ikkonfermata minn zewgha, illi jekk kien hemm xi konfuzzjoni fir-rigward tal-liema dejn kien jirrapprezenta l-ammont minnhom pertiz, din il-konfuzjoni, la kienet tal-appellant u wisq anqas ma kienet tal-Qorti, izda kienet biss tal-appellanti stess.

Illi f’xhieda taghha tal-20 ta’ Mejju 2009, l-appellanti Carmen Briffa, taghmel referenza ghal diversi cifri illi allegatament huma dovuti mill-appellat ; liema cifri, apparti mill-fatt illi huma konfuzjonali fihom infushom, bl-ebda mod ma gew ikkoraborati minn dokumentazzjoni illi turi bic-car l-ammonti attwalment mislufha.  Di pui, il-konfuzjoni fix-xhieda tal-appellanti Carmen Briffa tkompli tikber meta din tal-ahhar tiprova tispjega fuq liema dejn kienet sejset l-azzjoni odjerna.

L-appellanti, meta mistoqsija kemm u meta selfet l-flus lill-appellat:-

(i) l-ewwel twiegeb ‘bl-amment ma nafhomx’,
(ii) imbaghad tkompli biex tippreciza illi ‘fir-rigward id-dokumenti li fuqhom sellift il-flus lill-intimat Bonello nghid illi qeghdin fil-process’, pero immdejatament wara, tkun hi stess illi tikkonferma li m’hemm l-ebda dokumentazzjoni fil-process illi turi l-ammont minnha misluf, u
(iii)sussegwentament, l-istess appellanti, illi sa ftit minuti qabel tkun ghadha kif ikkonfermat taht gurament illi ma tiftakarx l-ammont minnha misluf, wara li tintebah bin-nuqqas ta’ kwalsiasi prova dokumentarja illi tindika l-ammont minnha misluf, bhal donnu b’ispirazzjoni, improvizzament tiftakar b’mod perciz tali ammont u tibda tfajjar sensiela ta’ cifri illi allegatament huma dovuti mill-appellat, fosthom dawk ta’ Lm 2,500 ghal-vettura tal-marka Peugeot 206, Lm 400 ghat-tiswija fil-hsarat li garrbet l-imsemmija vettura , u sahansitra issemmi ukoll l-

ammont ta’ Lm 4,000 bhala parti mis-somma tas-seba’ t’elef Lira Maltin mislufa mill-appellanti lill-binthom u lill-esponenti, liema somma lanqas biss tifforma parti mill-mertu tal-kawza odjerna, u dan kif del resto jipprecizaw l-appellanti stess fir-rikors tal-appell taghhom.

Illi b’kuntrast mal-konfuzjoni assoluta illi tirrizulta mix-xhieda tal-appellanti, ix-xhieda tal-esponent quddiem l-ewwel Qorti hija cara u turi bl-aktar mod limpidu dak illi effettivament gara. Fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Frar 2011, l-appellat, John Bonello, jikkonferma illi fit-28 ta' Novembru 2005 huwa ssepara minn ma martu Lorna Briffa u iffirma wkoll dokument iehor, fil-presenza tal-konsulenti legali kollha, illi bih gie liberat mid-dejn kollu illi kien hemm … ‘Qed nigi muri fol. 17 u nghid illi dan hu dokument datat tmienja u ghoxrin ta’ Novembru 2005, din hija karta ddikjarata quddiem in-Nutar, l-avukat tieghi u Dr. Farrugia li jghid li jien kont gejt illiberat mid-dejn illi kien hemm.’

B’kuntrast mad-diversi cifri imfajra b’mod erratiku mill-appellanti Carmen Briffa,  fix-xhieda tieghu, l-appellat, John Bonella, jispjega b’mod dettaljat u preciz l-ammonti li gew mislufa mill-appellant; ‘madwar xi tlettax il-sena ilu ghal-habta ta’ 1998 jiena u l-ex mara li kelli kellna karozza tal-marka Lada Samara u konna morna biex inparrtuha ma karozza ohra Peugeot 205. Din kienet tiswa tlett elef u mitejn lira Maltin. Il-karozza taghhna kienet valutata fit mien mitt lira Maltin. Ghalhekk ahna kellna bzonn ta’ elf  u erba’ mija f’idejna.

Meta saqsejt lid-dealer jekk stajtx intihomlu ratealment qalli le, rrifjuta, ried il-flus mill-ewwel. Ghalhekk Lorna li dak iz-zmien kienet ghadha l-mara tieghi staqsiet lil geniture taghha jekk setghux ituha l-flus. Hi qaltlina li se ssellifna l-flus pero’ kellna nrodduhomlha lura bir-rati ta erbghin lira fix-xahar...

Minn April ta’ l-1998 sa Jannar ta’ l-2002, ahna konna qed inhallsu bl-erbghin lira fix-xahar Maltin u hallasna madwar disgha u erbghin pagament, tela’ l-ammont ta’ elf disa’ mija u sittin. Ghalhekk f’dak l-istadju kien ghad baqa’ bilanc ta’ erba’ mija u erbghin lira.

F'Jannar tal-2001, jiena kelli accident bil-karozza u biex nirrangha kelli bzonn ta' hames mitt lira ohra. Om mil-mara tieghi kienet  dan l-ammont. Ghalhekk issa l-ammont li ahna kellna naghtu lil omm il-mara tela' ghal disa' mija u erbghin lira. Bejn Jannar u Frar jiena u l-mara kellna bzonn madwar tmint elef lira Maltin, il-bank kien irrifjuta illi jsellifna ghaliex diga' kellna loan mieghu. Qalli pero illi seta' jghinna billi jghamlilna over-draft.

Ghalhekk ergajna kellimna lil omm il-mara tieghi u qaltilna lit mint elef kieent lesta tohrogomlna hi pero talbitni li minflok nibda nhallas ratealment hamsa u tmenin lira fix-xahar. Qaltli ukoll li kif johrog l-overdraft kelli intiha imqar cekk ta' elf lira. Ahna ftehmna kif issuggerit pero c-cekk flok tajtulha ta' elf lira Maltin tajtulha ta' disgha mija u sittin. Ghalhekk f'dak l-istadju ahna kellna naghtu lil kunjata tieghi, r-rikorrenti Carmen Briffa, tmint elef ghal hanut u disa' mija u erbghin li kien ghad fadal ghal karozza.

Tajtha cekk ta' disa' mija u sittin u ghalhekk l-ammont globali li kellna naghtu lir-rikorrenti kien ta' sebat elef disa mija u tmenin lira Maltin fix—xahar u dan dam sejjer hekk sa Marzu 2005 sakemm isseparajna. Ahna hallasna madwar sitta u tletin pagament u l-ammont ghalhekk tela' ghal madwar tlett elef u hamsa u hamsin lira Maltin. Ghalhekk f'dan l-istadju kien ghad baqalna naghtu lir-rikorrenti Carmen Briffa l-ammont ta' erbat elef disa mija hamsa u ghoxrin lira Maltin.

Meta jien u il-mara tieghi bdejna bil-proceduri ghas-separazzjoni , jiena ipproponejt lil ex mara tieghi jekk rieditx izzomm id-dar kollha bl-affarijiet ta' go fiha b'kollox li flimkien kienu jiswew madwar tmenin elf lira Maltin. Ghidtilha ukoll izzomm il-loan li kien ghad fadal fuq id-dar u d-dejn kollu li kien ghad fadal fil-konfront tar-rikorrenti, il-genituri taghha.

Wara li tkellmet mal-genituri taghha, intlaqah il-ftehim. Meta tlajna il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2005, meta sari l-kuntratt illi ghadni kemm rajt aktar qabel, l-ammont flok ta'

erbat elef u disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin kienu ghollewh ghal sebat elef lira Maltin. Jiena biex ma noqghodx intawwal accettajthom u m'ghidt xejn. Dakinhar stess quddiem in-nutar in kwsitjoni jiena tlabt lil medjatur biex tghamilli skrittura li turi li jiena kont qed nigi liberat mid-dejn tal-mama u l-papa tal-ex mara tieghi.

Kemm quddiem l-avukat tieghi u kemm quddiem l-Avukat Farrugia u l-ex mara u s-sinjura Carmen Briffa, iffirmatli Carmen Briffa fuq il-karta li kitbet in-nutar.

Illi l-ewwel Qorti, kienet ghalhekk korretta fl-osservazzjoni taghha, 'mix-xhieda moghtija kemm mir-rikorrenti kif ukoll milintimati, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi filwaqt li x-xhieda tar-rikorrenti Carmen Briffa hija konfuza u konfuzjonali u xhieda li ma hija xejn korraborata minn dokumentazzjoni, salv dokument wiehed illi juri li kien hemm standing order taz-zewg intimati John Bonello u Lorna Briffa a favor taghhom ta' hamsa u tmenin Lira fix-xahar (LM85).Minn naha l-ohra, ix-xhieda ta' John Bonello hija cara u turi bl-aktar mod limpidu il-fatt li r-rikorrenti kienet attwalment sellfet xi flejjes lill-intimati meta kienu mizzewgin, liema flejjes bdew ihallsuhom ratealment, inizzjalment permezz ta' pagamenti rateali ta' erbghin Lira (LM40) fix-xahar imbghad, wara li ssellfu ammont aktar, il-pagament rateali kien ta' hamsa u tmenin Lira (LM85) fix-xahar.'

Illi in vista ta' dak kollu hawn fuq espost, wiehed ma jistax hlief jistaqsi, fuq liema bazi, jekk mhux wahda assolutament infondata, l-appellanti sesju l-ewwel aggravju taghhom, u n-nuqqas tal-istess appellanti, illi jindikaw b'mod car, b'liema mod, jew f'liema brani tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, inholqot konfuzjoni fid-distinzjoni ta' bejn dejn u iehor, certament illi hija fatali ghall-ammissjoni ta' dan l-ewwel aggravju.

Illi l-appellat, ma kellu l-ebda interess illi jizvijja lill-Qorti billi jipprova jdawwar il-fatti jew jinnega l-ammonti illi effittivament gew lilu mislufa mill-appellanti (u il-konsistenza fix-xhieda tieghu hija konferma cara ta' dan) u dan stante illi l-intenzjoni tal-appellat John Bonello u martu

Lonra Briffa, meta gew biex jiffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni, kienet wahda cara daqs il-kristall. Dak illi gie liberament miftiehem bejn l-imsemmija partijiet fuq l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, senjatament fi klawsola 13 tal-istess, fejn hemm espressament stipulat illi 'il-komparenti mara qedha tassumi tali djun wehidha u tillibera lir-ragel lir-ragel mill-istess u tobbliga ruhha illi tindenizza lill-komparenti Ragel f'kaz li jkun kostrett jhallas in toto jew in parte dan id-dejn jew interessi jew spejjez relatati, ma jistax jigi issa varjat jekk mhux bil-kunses taz-zewg partijiet. Illi l-principju regolatur f' dan ir-rigward huwa li pacta sunt servanda, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew fil-kaz ta' mpossibilita' reali tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Illi l-istess kienet cara l-intenzjoni tal-appellanti, Carmen Briffa, meta iffirmat l-imsemmija skrittura privata, fejn bi ftehim ma l-appellat John Bonella, iccarat illi qieghda tillibera lil-istess John Bonello minn kwalsiasi dejn illi kellu maghha u accettat illi dana id-dejn kellu jithallas unikament minn Lorna Birffa. Illi japplika ghalhekk, f'dan ir-rigward ukoll, l-principju tal-pacta sunt servanda. Illi hawnhekk tiġi ukoll fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola contra scriptum testimonium non scriptum non fertur tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji.[1] Kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; u (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba.[2] Certament illi l-kliem 'qed nillibera lil John Bonello minn kwalunkwe dejn li

[1] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

[2] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***

setgha kellu flimkien ma Lorna Bonello u naccetta li millum il-quddiem id-debitrici hi biss bintihi Lorna Bonello', imnizzell fuq l-imsemmija skirttura privata, ma jhalli l-ebda dubju fir-rigward tal-intenzjoni ta' Carmen Briffa illi tillibera lill-appellat minn kwalunkwe dejn ikkontratt maghha matul il-hajja mizzewga tal-istess appellat ma bint l-appellanti; u kien ghalhekk intuli illi l-appellanti, b'tentattiv illi tizvijja l-Qorti u ixxejjen l-effikacja ta' dak illi hi stess qablet ghalih permezz ta' tali skirttura privata, qalet, fix-xhieda taghha, 'illi din l-iskrittura hija imgerfxa u jiena ma stajtx niffirmaha'.

Illi kwindi fil-kaz in desamina lanqas biss kien jinhtieg distinzjoni bejn dejn u iehor galadarba tali dejn kien gie ikkontratt bejn il-partijiet mghatul iz-zwieg; jirrizulta, anke mix-xhieda tal-istess appellanti, illi kwalsiasi dejn li seta kien hemm kien dejn illi kien ikkontratt fiz-zwieg bejn l-esponenti u martu Lorna Briffa u, kif gia dettaljatament spejgat hawn fuq, tali dejn gie kollu assunt mill-istess Lorna Briffa permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 28 ta' Novembru 2005 in atti tan-Nutar Dr. Erika Vella, di pui l-appellanti Carmen Briffa kienet ukoll prezenti ghall-publikazzjoni tal-istess kuntratt izda peress li tali kuntratt li jolqot biss lill-appellat u martu u ma jestendix l-effetti tieghu b'mod dirett ukoll fuq l-appellanti, sabiex ikun assigurat illi l-appellat ma kellu l-ebda relazzjoni ulterjuri mal-appellanti, l-istess Carmen Briffa f'isimha propju u f'isem zewgha, irrilaxxjat l-imsemmija dikjarazzjoni, dakinhar stess tat-28 ta' Novembru 2005, redatta ukoll minn Nutar Dr. Erika Vella, f'liema dikjarazzjoni hemm pattwit illi mhux biss Carmen Briffa f'isimha propju u f'isem zewgha qeda taqbel illi d-dejn li kien hemm qeda tassumieh bintha Lorna Briffa wadedha u bhala tali qeda tillibera lill-appellat mill-istess, izda addirittura u sabiex zgur ma jkun hemm ebda dubju hija ddikjarat illi m'ghandha ebda pretenzjoni kontra l-appellat, u kwindi jirrizulta bl-aktar mod car illi l-appellat assolutament m'ghandu l-ebda relazzjoni mall-appellanti stante novazzjoni.

A. It-Tieni Aggravju

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, m'hemmx htiega ta' hafna delungar, sia ghaliex gia gie trattat b'mod ampju fl-ewwel aggravju u kif ukoll il ghaliex huwa palesament infondat. Tajjeb pero' illi wiehed jisstolinea l-fatt illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti qed jittentaw illi juzaw l-istess strategija illi l-appellanti, Carmen Briffa, uzat quddiem l-Ewwel Qorti sabiex, b'mod qarrieqi, tipprova ixxejjen l-effikacja tal-iskrittura privata iffirmata minnha stess f'isimha propju u f'isem zewgha; u cioe' l-argument illi tali skrittura kienet tirreferi biss ghal parti mid-dejn ikkontratt bejn il-partijiet kontendenti. Illi tajjeb hawnhekk illi wiehed jinnota illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2011, quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanti, l-ewwel tkun pronta biex tixhed illi l-iskrittura privata kienet tirreferi biss ghad-dejn tas-sebat t'elef lira Maltin, pero, immdejatament wara, hekk kif tigi murija u ikkonfrontata bid-dokument innifsu, fejn hemm pattwit, bl-aktar mod espress illi Carmen Briffa f'isimha propju u f'isem zewgha qeda taqbel illi d-dejn li kien hemm qeda tassumieh bintha Lorna Briffa wadedha u bhala tali qeda tillibera lill-appellat mill-istess, l-appellanti bhal donna titfixkel u sabiex tipprova ma tikkommetix ruhha, meta fil-verita' kienet taf ben tajjeb l-effet tal-ftehim/ dikjarazzjoni illi hija stess iffirmat, tipprova iggib l-iskuza illi 'l-iskrittura hija mgerfxa u jiena ma stajtx niffirmha'. Dan il-fatt, m'ghandu jhalli l-ebda dubju, illi ghalkemm l-appellanti jafu ben tajjeb illi permess ta' tali skrittura huma kienu qablu illi jilliberaw lill-appellat minn kwalsiasi dejn li seta gie ikkontratt maghhom mghatul iz-zwieg tal-istess appellat ma binthom, qed juzaw l-argument illi tali skrittura kienet tirreferi biss ghal prozjon minn tali dejn biss bhala stategija qarrieqa sabiex minhabba ragunijiet ta' pika, u xejn aktar, jinsistu fil-pretenzjonijiet taghhom kontra l-appellat, bl-intiza biss illi jaghmlu l-hsara, u dana minkejja illi huwa car li l-pretenzjonijiet taghhom huma assolutament skorretti.

Illi tajjeb hawnhekk illi terga issir ukoll referenza ghar-regola contra scriptum testimonium non scriptum non fertur, u cioe' li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet

serji.[3] Certament illi, in vista ta’ dak kollu hawn fuq espost, fil-kaz in desamina ma jezistu l-ebda ragunijiet serji il ghala dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddipartixxi mill-intenzjoni u r-rieda cara illi kellhom l-appellanti meta iffirmaw id-dikjarazzjoni in kiwstjoni.

B. It-Tielet Aggravju

Illi lanaqs fir-rigward ta’ dan l-aggravju m’hemm il-htiega ta’ hafna delungar stante illi jirrizulta ukoll illi tali aggravju huwa palesament infondat. Kontrarjament ghal dak allegat mill-appellanti, l-appellat fl-ebda hin ma jikkontesta illi kien hemm zewg djun ikkontrattati, u cioe’ wiehed tal-istok tal-hanut, u l-iehor tal-Peugeot, anzi huwa l-appellat stess illi fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti jirrikonoxxi tali djun u jispjega kif l-istess gew ikkontrattati. Jidher bic-car illi l-appellanti ghal-darba ohra qedin jipprova jiggranfaw ma kwalunkwe skuza u argument immaginabbli, anke jekk palesament infondat, sabiex minhabba ragunijiet ta’ pika, u xejn aktar, jinsistu fil-pretenzjonijiet taghhom kontra l-appellat, bl-intiza biss illi jaghmlu l-hsara, u dana minkejja illi huwa car li l-pretenzjonijiet taghhom huma assolutament skorretti.

Illi fir-rigward ta’ dan l-aggravju ma jifdal ghalhekk xejn x’jinghad hlief li anke f’kaz li jigi accetat l-argument illi setat inholqot xi konfuzjoni fid-distinzjoni ta’ bejn dejn u iehor (illi fl-umli oppinjoni tal-esponenti certament illi m’huiwex il-kaz), kwalunkwe dejn illi ghalih jghamlu referenza l-appellanti, kemm dak tal-Peugeot, u kif ukoll dak tal-hanut, huwa dejn illi kien ikkontratt fiz-zwieg bejn l-esponenti u martu Lorna Briffa u, kif gia dettaljatament spejgat, tali dejn gie kollu assunt mill-istess Lorna Briffa ad eskluzzjoni ta’ zewgha; u dan kif jista jigi ikkonfermat kemm mill-kuntratt ta’ separazzjoni datat 28 ta’ Novembru 2005, u kif ukoll mid-dikjarazzjoni maghmula mill-appellanti Carmen Briffa.

---

[3] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

## C. Ir-Raba Aggravju u il-Hames Aggravji

Illi fir-rigward ta' dawn l-aggravji m'hemmx hafna wiehed x'izid ma dak gia espost fil-paragrafi precedenti ta' din r-risposta; u kwindi, fir-rigward tar-reba aggravju, issir biss referenza ghal-principju tal-pacta sunt servanda, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet; f'kaz illi l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi illi kemm l-appellant u l-kjamta in kawza ghandhom in solidum jhallsu l-ammont indikat fl-avviz, kienet tkun l-Ewwel Qorti stess illi tmur kontra dak li ftehmu l-appellat u martu liberament fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, u kontra dak liberament miftihem bejn l-appellat u l-appellanti permezz tal-imsemmija skirttura privata.

Tali aggravju, fih innifsu, jikkonferma l-infondatezza tal-appell odjern, u l-appellanti, ben konsapevoli ta' dan, juzaw tali aggravju bhala forma ta' sigurta' sabiex fl-eventwalita' illi l-aggravji l-ohra taghhom jigu michuda xorta wahda jibqghu jinsistu fuq il-pretenzjonijiet taghhom fir-rigward ta' nofs l-ammont minnhom reklamat, u dan minkejjail-fatt illi, kif gia apjament spjegat, jirrizulta bic-car illi l-ebda ammont ma hu dovut lilhom.

Illi ghaldaqstant , fir-rigward tal-hames aggravju ghandu jinghad illi il-Ewwel Qorti, ma kienet xejn hlief korretta u preciza meta osservat illi:- Jirrizulta ben car illi, fil-kaz in ezami, r-rikorrenti qeghdin jittentaw illi jipprolungaw il-kwistjonijiet illi ghandhom mar-ragel tat-tifla taghhom billi jippretendu hlasijiet ulterjuri minghandhom. Huwa car illi tali fatt qieghed isir bi pika ma' l-intimat John Bonello u bi tpattija ghal dak li, probabilment, huma ihossu illi ghamel lit-tifla taghhom.

Huwa ta' dispjacir illi l-Qorti tinnota li, minflok ma' wiehed jipprova jaccetta dak li gara u jimxi l-quddiem f'hajtu, rrikorrenti baqghu jinsistu fil-pretensjonijiet taghhom kontra l-intimat, bl-intiza illi jaghmlulu l-hsara, u dana minkejja illi huwa car li l-pretensjonijiet taghhom ma humiex korretti, kemm in vista tal-kuntratt ta' separazzjoni

datata 28 ta' Novembru 2005 kif ukoll in vista tad-dikjarazzjoni maghmulha mill-istess Carmen Briffa li d-dejn imnizzel fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa issa dovut unikament minn Lorna Briffa.

Huma kwistjonijiet bhal dawn illi jwasslu ghall attrit ulterjuri li, eventwalment, jaghmlu hsara biss lit-tfal tal-partijiet illi sseparaw, jigifieri ta' l-intimati, ghax ir-rikorrenti ma kienux kapaci illi jaccettaw ir-realta' tal-hajja.

Illi huwa car daqs il-kristall illi r-r-rikorrenti m' ghandhom ebda ragun fil-kaz odjern, kemm in vista tal-fatt illi d-dejn li kien hemm maghhom mill-intimati gie assunt minn-Lorna Briffa kif ukoll in vista tal-fatt illi, filwaqt li r-rikorrenti ma kienet f'ebda posizzjoni illi tispjega x'kienu l-ammonti dovuti u kif saru il-pagamenti, l-intimat John Bonello wera bic-car x'ammonti kienu dovuti u b'liema mod saru ilpagamenti.

Illi di fatti, l-appell odjern, illi huwa imsejjes fuq xejn hlief serje ta' allegazzjonijiet infondati, m'huwa xejn hlief konferma ultejuri ta' dak illi irriteniet l-Ewwel Qorti, u cioe illi , 'r-rikorrenti qeghdin jittentaw illi jipprolungaw il-kwistjonijiet illi ghandhom mar-ragel tat-tifla taghhom billi jippretendu hlasijiet ulterjuri minghandhom. Huwa car illi tali fatt qieghed isir bi pika ma' l-intimat… r-rikorrenti baqghu jinsistu fil-pretensjonijiet taghhom kontra l mintimat, bl-intiza illi jaghmlulu l-hsara, u dana minkejja illi huwa car li l-pretensjonijiet taghhom ma humiex korretti, kemm in vista tal-kuntratt ta' separazzjoni datata 28 ta' Novembru 2005 kif ukoll in vista tad-dikjarazzjoni maghmulha mill-istess Carmen Briffa li d-dejn imnizzel fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa issa dovut unikament minn Lorna Briffa.'

D. Is-Sitt Aggravju

IIlli fir-rigward ta' dan l-aggravju bil-qima jinghad illi l-azzjoni attrici giet intavolata fir-rigward tal-ammont kollu misluf mill-appellanti lill-appellat mid-data tas-self relattiv u cioe' mill-perjodu ta' bejn is-sena 1998 u is-sena 2002, u mhux l-ammont remanenti mid-data illi fiha l-appellat

iffirma il-kuntratt tas-separazzjoni, kif issa qed jallegaw l-appellant fl-appell odjern, (di fatti l-ammont reklamat mill-appellanti jinkludi ukoll parti mis-somma illi l-appellat kien gia hallas permezz tal-pagament ratejali ta’ Lm 40 fix-xahar) u kwindi, mill-mod ta’ kif giet ifformulata t-talba attrici, iz-zmien ta’ preskrizzjoni applikabbli ghal-kaz in desamina, skatta mid-data tas-self relattiv, u cioe’ mis-sena 2002, u konsegwentament l-azzjoni odjerna hija fil-fatt preskirtta.

Illi fi kwalinkwe kaz dato ma non concesso li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tapplikax xorta wahda d-decizjoni tal-ewwel qorti mhiex nulla.

E. Is-Seba’ Aggravju

Illi tali aggravju huwa ukoll palesament infondat, u dan stante illi l-partijiet telliefa fil-kawza odjerna kienu biss l-appellanti, u kwindi, ai terminu tal-artikolu 223 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta[4], l-ispejjez tal-kawza kellhom jassumuhom l-istess appellant.

Illi finalment, wiehed ma jistax jonqos milli josserva illi, huwa xi ftit jew wisq sorprendenti kif l-appellanti ghazlu illi jressqu aggravju indirizzat kontra binthom stess (fejn effettivament qedin jisqu illi din tal-ahhar ghandha thallas nofs l-ispejjez tal-kawza). Dan il-fatt ikompli jikkonferma kemm l-appellanti, nonostante illi ma sabu l-ebda raguni valida fuq xiex jimpunjaw id-decizjoni tal-Ewwel Qorti, xorta wahda ippersistaw fil-pretenzjonijiet infondati taghhom, billi ippruvaw jimpunjaw l-istess d-decizjoni, b’xejn aktar hlief serje ta’ allegazzjonijiet pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt.

In vista ta’ dak kollu hawn fuq espost, jirrizulta bic-car illi d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet gusta u ekwa, u certament illi ma jezistux ragunijiet serji sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi illi ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex tasal ghad-decizjoni taghha.

[4] **223.** (1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna littellief għall-ispejjeż.

Ghalhekk in vista ta’ dawn il-premessi l-appellat Bonello qed jitlob li din il-Qorti tichad in toto l-appell tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti u invista tal-fatt illi l-appell de quo huwa wiehed frivolu u vessatorju ghadhom jigu applikati kontra l-appellanti id-doppie spese.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kompilati quddiem l-ewwel Qorti.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2013.

**Rat** li l-appell gie differit biex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan l-appell gie intavolat mill-atturi appellanti Alfred Briffa u Carmen Briffa. L-appellati huma l-konvenut John Bonello u l-kjamata fil-kawza Lorna Briffa. L-appellanti huma missier u omm l-appellata Lorna Briffa gia mart l-appellat l-iehor l-intimat John Bonello, illum separati.

Fir-rikors promotur l-appellanti talbu li l-konvenut appellat ihallas lura s-somma ta' seba t’elef, erbgha mija u tlieta u hamsin euro, disgha u disghin centezmu (€7,453.99), liema somma giet moghtija lill-konvenut b’self mill-appellanti sabiex tinxtara vettura tal-marka Peugeot. L-appellanti talbu ukoll li l-konvenut appellat irodd lura somma ulterjuri cioe’ “madwar disgha mija u tletin euro (€930)” ukoll allegatament moghtija lill-konvenut b’self. L-apellanti atturi specifkaw li l-imsemija tieni somma kienet tirrelata ghall-fatt li l-intimat appellat kien habat bl-istess vettura u l-appellanti kienu selfu “brevi manu” l-imsemmi ammomt lil min dak iz-zmien kien ir-ragel ta’ binthom. L-ewwel Qorti finalment iddecidiet billi rrigettat it-talbiet kollha tal-appellanti.

L-ewwel aggravju tal-appellanti Alfred Briffa u martu Carmen Briffa hu li li l-ewwel qorti ma ghamlitx distinzjoni bejn “dejn u dejn.” F’dan ir-rigward l-appellanti jsostnu li l-

ewwel kreditu taghhom kien sehh meta sellfu lil binthom u zewgha ammont li kellu jintuza ghall-gestjoni ta' hanut. Dejjem skond l-appellanti dan il-kreditu m'ghandux x'jaqsam mal-presenti talbiet taghhom stante li dan id-dejn gie assunt minn binthom l-kjamata fil-kawza u dana fil-kuntratt ta' separazzjoni relattiv.

Il-krediti li huma l-meritu tat-talbiet tal-appellanti jirrigwardaw, skond l-appellanti, self li sar lill-intimat appellat biex huwa jkun jista jakkwista vettura u self iehor li sar in vista tal-fatt li l-istess appellat kien involut bl-istess vettura f'kollizzjoni u l-istess vettura garbet hsarat u dan is-self kien intiz sabiex jissewwew l-imsemmija hsarat. F'dan ir-rigward l-appellanti jaghmlu referenza ghal skrittura privata, li giet iffirmata mill-appellanti fl-istess data li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjon bejn iz-zewg appellati, u fejn l-appellanti Carmen Briffa ghamlet dikjarazzjoni li skond l-appellanti kienet tirreferi unikament ghall-ewwel dejn li gie assunt minn bintha. Ghalhekk l-appellanti jsostnu li binthom ma kienitx qed tassumi l-ebda dejn iehor. Ghalhekk l-appellanti jsostnu li l-appellat John Bonello ghad ghandu jrodd lura d-debiti minnu assunti in konnessjoni mal-vettura u b'hekk l-istess appellat ma giex liberat mid-djun meritu ta' dawn il-proceduri.

Fl-opinjoni tal-appellanti l-ewwel Qorti naqset li tiddistingwi bejn l-imsemmija krediti tal-appellanti. Kwindi dan l-ewwel aggravju, kif ukoll il-maggior parti tal-aggravji l-ohra tal-appellanti, jikkoncerna l-fatt li l-appellat Bonello gie biss mehlus mill-appellanti mid-dejn li kien jirrelata ghan-negozju gestit fiz-zmien miz-zewg appellati, mentri d-djun relattivi ghall-imsemmija vettura kienu ghadhom dovuti mill-appellat Bonello biss. Dan hu l-hsieb tal-appellanti u tant hu hekk li huma agixxew originarjament biss kontra l-appellat Bonello, li fuq talba tieghu giet kjamata fil-kawza l-ex mara tieghu.

Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu primarjament jirrigwardaw l-imsemmija skrittura jew dikjarazzjoni tal-appellanti Carmen Briffa. Il-kwestjoni principali li kellha tigi deciza, f'dawn il-proceduri, kienet, appuntu, ghall-liema djun kienet tirreferi l-istess dikjarazzjoni u mill-liema djun l-

appellat Bonello kien gie mehlus. F’dan ir-rigward l-ewwel Qorti, korrettement waslet ghall-konkluzjoni li l-istess appellat kien gie liberat mid-djun kollu li seta kellhom l-appellati versu l-appellanti. Una volta li l-ewwel Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni, l-kwestjoni sollevata mill-appellanti, fl-ewwel aggravju taghhom, hi ghal kollox irrilevanti stante li ma hemmx ghalfejn issir distinzjoni bejn dejn u iehor stante li l-appellat kien gie liberat minn kull dejn li seta kien hemm.

Jirrizulta li fil-kuntratt ta' separazzjoni l-appellata kjamata in kawza assumiet id-dejn kollu li seta kien hemm u obbligat ruhha li tindenizza lill-appellat John Bonello jekk huwa jigi kostrett ihallas xi dejn.

Inoltre fl-imsemmija skrittura l-appellanti Carmen Briffa, anke ghan-nom ta’ zewgha, ddikjarat li l-appellat John Bonello kien qed jigi liberat minn kwalsiasi dejn li seta kellu fl-imkien ma martu l-kjamata in kawza appellata versu l-appellanti.

Sabiex l-ewwel Qorti wasslet ghall-imsemmija decizjoni taghha kkonsidrat li meta l-apellanti Carmen Briffa ddeponiet hi kienet konfuzjonarja mentri l-appellat xehed b’mod car. L-ewwel Qorti waslet ukoll sabiex tiddikjara li “r-rikorrenti qeghdin jittentaw illi jipprolungaw il-kwistjonijiet illi ghandhom mar-ragel tat-tifla taghhom billi jippretendu hlasijiet ulterjuri minghandhom. Huwa car illi tali fatt qieghed isir bi pika ma’ l-intimat John Bonello u bi tpattija ghal dak li, probabilment, huma ihossu illi ghamel lit-tifla taghhom.” In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet huma f’waqthom u jinkwadraw ruhhom sew ghal-kaz in ezami. L-ewwel Qorti waslet ukoll biex tiddikjara li, in vista tal-kuntratt ta separazzjoni u in vista tal-imsemmija dikjarazzjoni ta’ Camen Briffa, d-dejn kollu li seta kien hemm issa hu dovut unikament mill-appellata kjamata fil-kawza.

F’dan ir-rigward l-appellanti jsostnu jekk dan hu l-kaz, u cioe’ li kwalunkwe dejn hu dovut lilhom mill-appellata kjamata in kawza, kwindi l-ewwel Qorti kellha tikundanna

liz-zewg appellati in solidum bejnithom biex jhallsu l-ammonti in kwestjoni u dana, presumibilment, in vista tal-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn l-appellati. Dan l-argument zgur li ma jregix stante li jirrizulta li d-djun kollha gew assunti mill-appellata kjamata fil-kawza. Dan l-istess argument sollevat mill-appellanti isahhah il-fehma espressa mill-ewwel Qorti li dawn il-proceduri huma l-frott ta' pika assurda tal-appellanti, b'mod specjali tal-appellanti Carmen Briffa, lejn l-appellat. Inoltre dejjem fir-rigward tal-kumment tal-ewwel Qorti ghandu jigi nnotat li l-appell jirrigwarda esklusivament l-appellat Bonello u mhux l-appellata bint l-appellanti.

It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-kumment tal-ewwel Qorti li ghalih gia saret referenza. Din il-Qorti ta' revizjoni gia esprimiet ruhha fuq il-kumment in kwestjoni u kwindi m'hemm xejn izjed x'jinghad hlief li l-kumment hu evidentement ibbazat fuq dak li rrizulta lill-ewwel Qorti.

It-tielet aggravju jirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti akkoljit l-eccezzjonijiet kollha tal-appellat u cioe' akkoljit ukoll l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni tal-azzjoni bit-trapass ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap.16. L-appellanti jissottomettu li din l-eccezzjoni ma kellix tigi akkolta.

Skond l-appellanti l-appellat kien waqaf ihallas ir-rati mensili wara li f'Mejju 2005 kien gie pubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni. Inoltre l-istess appellat kien gie intimat ufficjalment biex jhallas bl-ittra ufficjali li gie esebita fil-process quddiem l-ewwel Qorti (DOK.AB 3 – fol.24). Din l-ittra ufficjali hi datata 2 ta' Novembru 2006 u giet debitament notifikata lill-appellat fid-9 ta' Novembru 2006. L-avviz li bih gew inizjati dawn il-proceduri gie presentat f'Ottubru 2008 u gie notifikat lill-appellat fl-istess xahar.

F'dan ir-rigward l-appellanti jsostnu li ma tirrizultax li fil-konfront tal-appellat din l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu indikat mill-appellat u kwindi din l-eccezzjoni kellha tigi michuda. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jigi eskluz li l-argument tal-appellanti hu korrett u li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi respinta.

Effettivament, pero’ u fi kwalunkwe kaz, fl-eventwalita’ li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi michuda mhux ser tigi effettwata u mhux ser jindiddel xejn fid-decizjoni finali fejn it-talbiet tal-appentanti gew korrettement michuda u dan in vista ta dak kollu li ntqal fir-rigward tal-ewwel aggravju u cioe’ li l-appellat gie mehlus minn kull dejn li seta kien esistenti versu l-appellanti.

L-appellanti jilmentaw ukoll dwar il-kap tal-ispejjez. Skond l-appellanti, in vista tal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, l-ispejjez kellhom jinqasmu bejn l-istess appellanti u l-kjamata in kawza. Dan hu l-uniku agument tal-appellanti li jinvolvi lil binthom il-kjamata fil-kawza. L-ewwel Qorti ddecidiet il-kap tal-ispejjez skond kif tghid il-ligi fl-artikou 223 al-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi ma hemm xejn li ghandu jidbiddel fid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjez.

Inoltre stante li din il-Qorti taqbel li dawn il-proceduri ttawwlu bla bzonn minn naha tal-appellanti u huma l-frott biss ta rivalita’ li tesisiti bejn l-appellanti u l-appellat. Ghalhekk dan l-appell ghandu jitqies li hu fieragh u vessatorju u kwindi l-appellanti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-appellat u lill-appellata kjamata in kawza d-doppju tal-ispejjez.

Inoltre billi hu evidenti li l-appellanti b’dan l-appell riedu biss idejqu lill-appellat Bonello. In effett l-istess appell hu kollu kemm hu dirett lejn l-istess appellat u mhux lejn l-appellata kjamata fil-kawza u kwindi l-posizzjoni tal-istess kjamata in causa mhux inkluza bhala meritu fil-presenti appell.

In vista ta dak kollu li gie premess l-appell tal-konjugi Briffa jimmerita li jigi respint u b’hekk is-sentenza appellata ghandha tigi konfermata in toto. L-appellanti ghandhom ukoll jigu kkundannati jhallsu d-doppju tal-ispejjez liz-zewg appellati u dan skond il-provedimenti tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti konjugi Briffa u b'hekk tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Lulju 2012 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi.

L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu kollha mill-appellanti u tikkundanna lill-istess appellanti jhallsu liz-zewg appellati d-doppju tal-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------